TAJJEB LI TKUN TAF

# MAGNIFICAT : Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej




Din hija talba li mhux biss tingħad imma titkanta – għalhekk tissejjaħ anke Kantiku – u li tintuża diversi drabi waqt iċ-ċelebrazzjonijiet nsara.

Il-kliem huwa meħud direttament mill-Evanġelu skont San Luqa (*Lq 1:46-55*) fejn naraw li ingħad minn Marija Verġni meta żaret lil qariba tagħha Eliżabetta u lissnitu bħala tweġiba għall-kliem ta' ferħ u tifħir li din għamlitilha.

Dan il-kantiku hu marbut ħafna ma' diversi siltiet Bibbliċi tal-Antik Testment, imma l-aktar referenza ċara tidher li hi l-Għanja ta' Anna, omm Samwel, fl-Ewwel Ktieb ta' Samwel (*1 Samwel 2:1-10*).

Fit-twemmin nisrani kollu jista' jingħad li l-**Magnificat** hi l-aktar talba li tingħad fil-Liturġija tas-Siegħat:
(i) fil-Punent huwa l-aktar talba li titkanta filgħaxija: fl-Għasar;
(ii) fil-Lvant, normalment jingħad fit-Tifħir tal-Ħadd filgħodu.

***Magnificat anima mea Dominum,***
***et exsultavit spiritus meus***
***in Deo salvatore meo,***
***quia respexit***
***humilitatem ancillae suae.***

***Ecce enim ex hoc***
***beatam me dicent omnes generationes,***
***quia fecit mihi magna, qui potens est,***
***et sanctum nomen eius,***
***et misericordia eius in progenies et***
***progenies timentibus eum.***

***Fecit potentiam in brachio suo,***
***dispersit superbos***
***mente cordis sui;***
***deposuit potentes de sede***
***et exaltavit humiles;***
***esurientes implevit bonis***
***et divites dimisit inanes.***

***Suscepit Israel puerum suum,***
***recordatus misericordiae,***
***sicut locutus est ad patres nostros,***
***Abraham et semini eius in saecula.***
***Amen.***

***Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,***
***u l-ispirtu tiegħi jifraħ***
***f'Alla s-Salvatur tiegħi,***
***għax hu xeħet għajnejh***
***fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.***

***Iva, minn issa 'l quddiem,***
***kull nisel jibda jsejjaħli hienja.***
***Għax is-Setgħani għamel miegħi***
***ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu.***
***Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien***
***fuq dawk li jibżgħu minnu.***

***Hu wera l-qawwa ta' driegħu,***
***xerred lil dawk***
***li huma mkabbra f'qalbhom.***
***Niżżel is-setgħana***
***minn fuq it-tron tagħhom,***
***u għolla ċ-ċkejknin.***
***Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,***
***u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.***

***Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,***
***għax ftakar fil-ħniena tiegħu***
***bħalma wiegħed lil missirijietna***
***b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.***
***Ammen.***



# PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## 'UBUNTU'

Nistħajjilkom tgħidu: 'Biex inti ġej?' Ħa nispjegalkom aħjar. Antropologu mar l-Afrika t'isfel u ried jagħmel esperiment mat-tfal ta' wieħed mill-ħafna tribujiet li jgħixu f'dik l-art enormi. Poġġa ġewlaq mimli frott taħt siġra u qal lit-tfal li l-ewwel wieħed li jasal ħdejn il-ġewlaq ikun jista' jieħu kollox. Ippreparahom għat-tellieqa, poġġihom f'linja dritta u ħejjihom għas-sinjal. Hekk kif għajjat li setgħu jibdew jiġru, kull tifel qabad id dak ta' ħdejh u ġrew flimkien lejn il-premju! Imbagħad poġġew bil-qiegħda f'ċirku u qasmu l-frott flimkien. Inħallikom timmaġinaw kif baqa' l-antropologu li stagħġeb mhux ftit b'din ir-reazzjoni. Ried ikun jaf għalfejn għamlu dan meta, kieku kull wieħed ġera għal rasu, kien ikollu iktar frott x'igawdi kieku rebaħ. Wieħed mis-subien qallu: *Ubuntu* – kif jista' wieħed minna jkun ferħan meta l-oħrajn ikunu mdejqin?

### *L-akbar don li kellu Nelson Mandela*

Meta fl-2018, Barak Obama ta lekċer f'Johannesburg f'tifkira ta' Nelson Mandela, il-president tal-Afrika t'Isfel li tqabad bis-sħiħ kontra l-*apartheid* jew id-diskriminazzjoni razzjali, l-ex-president tal-Istati Uniti tal-Amerika semma din il-kelma – *Ubuntu* – li tiddiskrivi l-ikbar don li kellu Mandela. Obama spjega kif Mandela għaraf li aħna lkoll marbuta b'modi li ma jidhrux bl-għajnejn tal-ġisem; aħna nilħqu l-milja tagħna malli ningħataw għall-oħrajn u meta naqsmu dak li għandna magħhom, meta nieħdu ħsieb lil ta' madwarna.

### *"Kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, ..."*

Għalina l-Insara, dan l-ispirtu għandu jmur lil hinn mis-sempliċi solidarjetà li aħna msejħa nuru ma' xulxin l-ewwelnett għax aħna bnedmin. Bħala Nsara, aħna msejħin inżommu b'mudell tagħna lill-ewwel Insara li San Luqa, fl-Atti tal-Appostli, jiddeskrivihom hekk: *"U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb"* (2, 42). Forsi llum din tidher utopija għax sa minn meta nkunu żgħar, nisimgħu kliem bħal: *'L-ewwel int!'* jew *'Ara ma nkunx naf li ħallejt lil xi ħadd juża l-affarijiet tiegħek!'* Dan żgur imur kontra l-ispirtu komunitarju li aħna rridu nikkultivaw bejnietna ladarba aħna lkoll aħwa ta' Ġesù,

ladarba naslu nitolbu l-kliem: *'Missierna'*, talba li tpoġġina quddiem Alla fuq l-istess livell tal-bnedmin l-oħra. F'waħda mill-katekiżi li ta dan l-aħħar il-Papa Franġisku fuq il-Missierna, huwa nnota kif f'din it-talba, qatt ma tidher il-kelma ***'Jien'*** imma dejjem ***'Aħna'***; kollox isir f'dimensjoni ta' aħwa, ta' komunità. Din it-talba mhix iċċentrata fuqna nfusna imma fuq l-oħrajn, fuq ħutna li huma parti minn ħajjitna.

***'Qum, qum minn hemm, din il-ġirja rridu nispiċċawha'***

Kemm nistagħġbu quddiem xi att kbir ta' solidarjetà bħal meta fl-Olimpjadi, xi ġerrej jieqaf biex jgħin lil xi ħadd. Għall-atleti, din x'aktarx tkun l-okkażjoni ta' ħajjithom u minkejja l-ispirtu għoli ta' kompetizzjoni, kif jitolbu minnhom infushom dawn il-logħob, ikun hemm min ikun lest jissagrifika snin sħaħ ta' taħriġ iebes biex jagħti daqqa t'id lil xi ħadd.

Fil-Brażil, fl-Olimpijadi tal-2016, f'ġirja ta' 5 000 metru, Nikki Hamblin minn New Zealand waqgħet u l-Amerikana Abbey D'Agostino tfixklet fiha. B'irkoppitha l-leminija żlugata, D'Agostino waqfet mill-ġirja u lil Hamblin, mifxula mal-art tipprova tifhem x'ġara, bdiet tagħfsilha spallitha u tgħidilha: *'Qum, qum minn hemm, din il-ġirja rridu nispiċċawha.'* D'Agostino u Hamblin, li ma kinux jafu lil xulxin, daħlu ferm wara l-atleti l-oħra imma wrew lid-dinja x'inhu l-veru spirtu tal-Olimpjadi, x'inhu l-*Ubuntu* u għal min jemmen, x'inhu l-ispirtu ta' Ġesù!

**Meta tara lil xi ħadd imdejjaq**
**- iddawwarx wiċċek.**
**Meta tara lil xi ħadd ibati**
**- tagħlaqx qalbek.**
**Meta tara lil ħuk fil-bżonn**
**- ħenn!**

**Dun David Farrugia**
**- Kappillan ta' Ħal Safi**





## ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - Settembru 2019

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' Settembru | **Festa tat-Twelid tal-Madonna - Il-Vitorja** |
| Il-Ħadd 15 ta' Settembru | **Jum il-Missjoni tal-Art Imqaddsa** |
| Il-Ħadd 22 ta' Settembru | Fl-10:30pm - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ġimgħa 27 ta' Settembru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju. |




**Sliem għalik o Marija Bambina,**
**Taħt it-titlu sbejjaħ tal-Vitorja.**
**F'dan il-jum li twelidt ċkejkna tarbija,**
**Nagħtuk qima f'riġlejk mixħutin.**

**Għaliex inti bil-grazzja mimlija**
**O Marija! O Marija!**
**Ġejt imnissla mingħajr ebda ħtija,**
**Vittorjuża fuq l-għadu tar-ruħ.**



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Allen Boyce
Nico Cassar
Casey Dunlop Cachia
Zayden Farrugia
Giuseppe Polidano
Leonard Vella

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Redent Cachia

***Nitolbu għalihom!***

